I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 282/2009

tas-6 ta' April 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1212/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni ta' prodotti li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-Regolament bażiku),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2005 tal-25 ta' Lulju 2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina [2],

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 1212/2005, il-Kunsill impona dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tal-ħadid fondut li ma jistax jinħadem tat-tip użat biex jgħatti sistemi fl-art jew taħt l-art u partijiet tagħhom u/jew jagħti aċċess għalihom, kemm jekk ikunu maħdumin bil-magni jew le, miksijin jew miżbugħin jew iffitjati b'materjali oħra, minbarra idranti tat-tifi tan-nar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Popli taċ-Ċina (RPĊ) ("il-prodott ikkonċernat"), normalment ikklassifikat bil-kodiċijiet NM 7325 10 50, 7325 10 92 u qabel 7325 10 99 (kodiċi Taric 7325 10 99 10). Billi kien hemm numru kbir ta' partijiet li kkooperaw, ittieħed kampjun ta' produtturi esportaturi Ċiniżi waqt l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri.

(2) Il-kumpaniji li ttieħdu bħala kampjuni ġew attribwiti rati individwali tad-dazju li ġew stabbiliti waqt l-investigazzjoni. Dawk il-kumpaniji li kkooperaw imma ma ttieħdux bħala kampjuni li ngħataw trattament tal-ekonomija tas-suq ("MET"), b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, ġew attribwiti d-dazju anti-dumping ta' 0 % li ġie stabbilit għall-kumpanija unika li ttieħdet bħala kampjun li ngħatat il-MET. Il-kumpaniji li kkooperaw li ma ttieħdux bħala kampjuni u li ngħataw trattament individwali ("TI"), skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, irċevew id-dazju ta' piż medju differenzjat ta' 28,6 % li ġie stabbilit għall-kumpaniji li ttieħdu bħala kampjuni li ngħataw it-TI. Fuq il-kumpaniji kollha l-oħra ġie impost dazju mal-pajjiż kollu ta' 47,8 %.

(3) L-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005 jagħti l-possibbiltà lill-produtturi esportaturi Ċiniżi li jissodisfaw l-erba' kriterji stipulati f'dan l-Artikolu li jingħataw l-istess trattament bħal dak imsemmi fil-premessa (2) hawn fuq għall-kumpaniji li kkooperaw mingħajr ma kienu inklużi fit-teħid ta' kampjun ("Trattament ta' Produttur Esportatur Ġdid" jew "NEPT").

B. IT-TALBIET TAL-PRODUTTURI ESPORTATURI ĠODDA

(4) Sitt kumpaniji talbu li jingħataw l-NEPT. Sussegwentement, waqt l-investigazzjoni, kumpanija waħda rtirat it-talba tagħha.

(5) Sar eżami biex jiġi ddeterminat jekk kull applikant jissodisfax il-kriterji biex jingħata l-NEPT kif stipulat fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005, billi jiġi vverifikat li:

(1) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità waqt il-perjodu tal-investigazzjoni li l-miżuri ġew ibbażati fuqu (mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004) (l-ewwel kriterju);

(2) mhux konness ma' ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma suġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti minn dan ir-Regolament (it-tieni kriterju);

(3) huwa esporta l-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew għandu obbligu irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità (it-tielet kriterju);

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 199, 29.7.2005, p. 1.

(4) jopera taħt kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq kif definiti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, jew alternattivament li jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikollu dazju individwali applikat skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku (ir-raba' kriterju).

(6) Billi r-raba' kriterju jimplika li l-applikanti jissottomettu talba għat-Trattament tal-Ekonomija tas-Suq ("TES") u/jew għat-Trattament Individwali ("TI"), il-Kummissjoni baġtet formoli għat-talba tal-MET u tat-TI lill-applikanti Ċiniżi kollha. Ħames kumpaniji applikanti Ċiniżi talbu l-MET skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Kumpanija waħda talbet biss l-IT skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(7) Intbagħtu l-kwestjonarji lill-applikanti kollha li ġew mitluba biex jagħtu provi li jissodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq.

(8) Il-produtturi esportaturi li jissodisfaw dawn il-kriterji jistgħu, skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005, jingħataw jew ir-rata tad-dazju ta' 0 % li tapplika għall-kumpaniji li ngħataw l-MET b'konformità mal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, jew ir-rata ta' piż medju differenzjata tad-dazju ta' 28,6 % li hi applikabbli għall-kumpaniji li ngħataw it-TI individwali b'konformità mal-artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ biex jiġi ddeterminat li l-erba' kriterji stipulati fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005 kienu sodisfatti.

Ċ. **TISJIB**

(10) Meta ġew eżaminati t-talbiet instab li żewġ kumpaniji ma kinux esportaw lejn il-Komunità il-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqha kienu bbażati l-miżuri, u l-anqas ma kellhom obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità. Dawn il-kumpaniji ma ssodisfawx it-tielet kriterju msemmi fil-premessa (5) ta' hawn fuq u għalhekk ma setgħux jingħataw l-NEPT.

(11) Żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ma setgħux jippruvaw li ma kellhom l-ebda konnessjoni ma' xi esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping li ġew imposti mir-Regolament (KE) Nru 1212/2005; fil-fatt, ma rnexxilhomx jirrifjutaw il-provi li tassew kienet teżisti din il-konnessjoni. Dawn il-kumpaniji ma ssodisfawx it-tieni kriterju msemmi fil-premessa (5) ta' hawn fuq u għalhekk ma setgħux jingħataw l-NEPT.

(12) Produttur esportatur Ċiniż, Weifang Stable Casting, li talab biss it-TI, wera biżżejjed provi li jissodisfa l-erba' kriterji li huma msemmija fil-premessa (5) ta' hawn fuq. Din il-kumpanija setgħet fil-fatt turi li i) ma kenitx esportat il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità waqt il-perjodu tal-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004, ii) mhijiex konnessa ma' ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 1212/2005, iii) fil-fatt kienet bdiet tesporta kwantità sinifikanti tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità mis-sena 2008, iv) tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tat-TI u għalhekk tista' tingħata dazju individwali skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dan il-produttur seta' jingħata r-rata tad-dazju ta' piż medju differenzjat għall-kumpaniji li ngħataw it-TI applikabbli għall-kumpaniji li jikkooperaw li ma kinux inklużi fil-kampjun (jiġifieri 28,6 %) skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005 u jiżdiedu mal-lista ta' produtturi esportaturi tal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.

D. **MODIFIKAZZJONI TAL-LISTA TAL-KUMPANIJI LI JGAWDU MINN RATI INDIVIDWALI TAD-DAZJU**

(13) B'konsiderazzjoni tas-sejbiet tal-investigazzjoni kif indikat fil-premessa (12) ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-kumpanija Weifang Stable Casting għandha tiżdied mal-lista tal-kumpaniji msemmija individwalment skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005 li għandhom rata ta' dazju ta' 28,6 %.

(14) L-applikanti kollha u l-Industrija Komunitarja ġew infurmati bis-sejbiet tal-investigazzjoni u kellhom l-opportunità li jibagħtu l-kummenti tagħhom. Il-kummenti tagħhom ittieħdu f'kunsiderazzjoni fejn xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1212/2005 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Il-kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Kodiċi Addizzjonali Taric
Shijiazhuang Transun Metal Products Co. Ltd., Xinongcheng Liulintun, Luancheng County, Shijiazhuang City Hebei Province, 051430 PRC	0	A675
Shaoshan Huanqiu Castings Foundry, Fengjia Village Yingtian Township, Shaoshan, Hunan, PRC	0	A676
Fengtai Handan Alloy Casting Co. Ltd. Beizhangzhuang Town, Handan County, Hebei, PRC	0	A677
Shanxi Jiaocheng Xinglong Casting Co. Ltd. Jiaocheng County, Shanxi Province, PRC	0	A678
Tianjin Jinghai Chaoyue Industrial and Commercial Co. Ltd. Guan Pu Tou Village, Yang Cheng Zhuang Town Jinghai District, 301617 Tianjin, PRC	0	A679
Baoding City Maikesaier Casting Ltd. Xin'anli Town, Tang County Hebei; Baoding 072350, PRC	0	A867
Baoding Yuehai Machine Manufacturing Co., Ltd., No 333 Building A Tian E West Road, Baoding, Hebei, PRC	0	A868
Shanxi Yuansheng Casting and Forging Industrial Co. Ltd 8 DiZangAn, Taiyuan, Shanxi, 030002, PRC	18,6	A680
Botou City Simencum Town Bai fo Tang Casting Factory Bai Fo Tang Village, Si Men Cum Town, Bo Tou City 062159, Hebei Province, PRC	28,6	A681
Hebei Shunda Foundry Co. Ltd., Qufu Road, Quyang 073100, PRC	28,6	A682
XianXian Guozhuang Precision Casting Co., Ltd. Guli Village, Xian County, Hebei, Gouzhuang, PRC	28,6	A869
Wuxi Norlong Foundry Co., Ltd. Wuxi New District Jiangsu, PRC	28,6	A870
HanDan County Yan Yuan Smelting and Casting Co., Ltd South of Hu Cun Village, Hu Cun Town, Han Dan County, Hebei, PRC	28,6	A871
Tianjin Loiselet Art Casting Co., Ltd Dongzhuangke, Yangchenzhuang, Jinghai, Tianjin, PRC	28,6	A872
Weifang Stable Casting Co., Ltd Fangzi District, Weifang City, Shandong Province, PRC	28,6	A931
Changan Cast Limited Company of Yixian Hebei Taiyuan main street, Yi County, Hebei Province 074200, PRC	31,8	A683
Shandong Huijin Stock Co. Ltd., North of Kouzhen Town Laiwu City, Shandong Province, 271114, PRC.	37,9	A684
Il-kumpaniji l-oħra kollha	47,8	A999"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 6 ta' April 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
J. POSPÍŠIL